## Aktar tifkiriet...

# Tfulija wara Santa Marija

Lina McCarthy

Waslet festa oħra, wasal ktieb ieħor tal-Każin tal-Banda San Gabriel. Għalhekk wasal iż-żmien li moħħi jibda jimraħ fil-memorji ta' tfuliti ġewwa Ħal Balzan, madwar sittin sena ilu. Kif tista' tinsa dak iż-żmien sabiħ meta r-raħal kien għadu ġnien wieħed, b'riħa ta' żahar tal-larinġ li taqsamlek qalbek minn kull fejn tgħaddi. Fi tfuliti, ir-raħal kien magħmul biss mill-ftit toroq ta' madwar il-knejjes – il-Knisja l-kbira u ż-żewġ inħawi tat-Tliet Knejjes u ta' Santa Marija. Il-kumplament kien kollu għelieqi u ġonna. Illum ser indur ma' xi drawwiet li kienu jeżistu mhux biss fir-raħal tagħna, iżda ma' Malta kollha – l-ikel ta' matul il-jum.

Nibdew bil-fatra; l-ikla ta' filgħodu li l-Ingliżi jsejħulha *breakfast*, għax fil-fatt tikser is-sawma tal-lejl. Din, għalina kienet tikkonsisti f'xi biċċa ħobż xotta, mixwija fuq il-Valor tat-tromba jew l-ispiritiera tat-tliet ftejjel. Il-kafè tal-istanjata, imsajjar bil-mod il-mod, b'xi żewġ imsiemer tal-qronfol, kien ifewwaħ id-dar u l-madwar. Skutella kbira kafè bil-ħalib tal-bott u l-ftiet tal-ħobż mixwi kienu jservu flok iċ-ċereali tal-lum. Il-ħalib ippasturizzat ma kienx għadu jeżisti, u allura konna mmorru b'xi bott għand *Il-Fuli* u jimlihulek bil-ħalib maħlub frisk mill-mogħża dak il-ħin stess. Il-ħalib ippasturizzat daħal meta l-Gvern ħa l-inizjattiva li jibni l-impjant li kien isaffi l-ħalib biex jinqered il-mard tad-deni irqiq (*Undulant Fever*) li kien jixtered mill-ħalib mhux ippasturizzat. Għalhekk sar, u għadu magħruf bħala l-'Ħalib tal-Gvern'. Madankollu jien kont nippreferi l-ħalib tal-bott, tal-*Bandiera*. Il-bottijiet tal-ħalib kienu bir-razzjon u aħna, għal xi raġuni konna mmorru nixtruhom mill-ħanut *Ta' Qantaru* ta' Ħal Lija. Il-kafè konna nixtruh mitħun mill-Ħamrun u nżidulu ftit ċikwejra. Il-pakketti taċ-ċikwejra kien ikun fihom santi żgħar bil-faxx aħmar jew dehbi u konna nfaddluhom u npartuhom bejnietna t-tfal. Mat-tisjira tal-kafè li r-riħa tagħha kienet tqajmek filgħodu kmieni, konna nlestu biex immorru l-quddies. Dan kien jibda kmieni, f'xi l-erbgħa u nofs ta' filgħodu, bl-ewwel waħda jsejħulha *tal-kaċċaturi*. Mhux l-ewwel darba li mort nisma' din il-quddiesa ma' missieri qabel dan imur ix-xogħol. Fost il-kaċċaturi Balzanin li niftakar kien ikun hemm Kalċ ta' Ganga u Manti Agius, nofshom bilqiegħda




u nofs għarkupptejhom waqt li jitbandlu fuq żewġ siġġijiet tas-sogħda.

Għalkemm fi tfuliti l-ikel kien kważi kollu bir-razzjon, ma konniex neqsin speċjalment mill-ħobż għax il-porzjonijiet kienu saru ġenerużi. Fil-fatt kien jibqa' fdalijiet ta' ħobż iżda xejn ma kien jintrema. Kienu jitimgħu l-annimali jew jagħmlu xi pudina tal-ħobż bihom. Ħalliha li biex tagħmel pudina kont trid tonfoq ħafna iżjed flus biex tixtri l-ingredjenti l-oħra biex ma tarmix loqma ħobż, kif ngħidu bil-Malti, tiġik iz-zalza ogħla mill-ħuta. Iżda konna nitgħallmu li l-ħobż huwa mbierek u Providenza t'Alla, għalhekk, jekk taqagħlek biċċa ħobż fl-art, kont trid tbusha qabel tarmiha. Niftakar li l-ħobż konna nixtruh bl-użin u biex iġġib il-piż tal-ħobża ta' ratal, kien iqattagħlek b'sikkina ma' sidru ġonta li jitfagħlek fil-miżien. Din ma kinitx tasal sad-dar għax konna nikluha fit-triq meta mhux ukoll innaqru xi ħofra fil-ħobża għax ir-riħa kienet tqabbadna l-ġuħ!

Kull familja kien ikollha gallinar bit-tiġieġ fil-bitħa jew fuq il-bejt. Il-fdalijiet tal-ikel u l-ħobż xott konna bihom nagħmlu tagħsida bin-nuħħala, li konna nixtru bil-kejla mingħand Pulla tal-Ġwież. Din kellha r-razzett fi Triq Santu r-Rokku, kantuniera ma' Sqaq, illum saret Triq it-Tabib Zammit. Mur għidilna li aktar 'il quddiem, meta t-tiġieġ nibdew nixtruhom maqtulin u mnaddfin mingħand tal-laħam jew mis-*supermarket*, in-nuħħala flok it-tiġieġ ser nibdew nikluha aħna mal-fatra. Daż-żmien saret moda li biex nagħmlu d-dieta nieklu forom ta' ħobż ismar u ċereali tal-pakkett.

La qed insemmu t-tiġieġ, naħseb li ħafna jiftakru lil Ċikka tas-Sriedek. Din kienet ċerta Franċeska Borg, li kienet toqgħod fl-Isqaq tal-Ġurdiena, fi Triq it-Tliet Knejjes, illum Triq Mons. Zahra. Din kellha familja kbira u aktar tard emigraw kollha għall-Kanada. Ommi kienet tibgħatna għandha b'xi serduq ġo xkora u Ċikka 'issewwieh' jew aħjar tneħħilu l-irġulija u niħduh lura bħala ħasi. Ta' dan kienet titħallas ftit soldi, iżda b'hekk dan kien jikber iżjed u wara jagħmel brodu aħjar. Lilna t-tfal, Ċikka dejjem kienet tibgħatna 'l barra biex ma narawx x'qed tagħmel. Malli tlesti mmorru lura bil-ħasi fl-istess xkora.

Barra l-ħobż Malti beda jitfaċċa l-ħobż tan-*Naafi* li kien jinbiegħ lill-familji tas-servizzi Ingliżi. Dawn kellhom il-ħanut bi prodotti Ingliżi fejn illum hemm il-Kavallier ta' San Ġakbu waqt li l-fran kienu l-Birgu, fejn illum hemm il-Mużew Marittimu. Il-karozza tal-linja ta' Ħal Lija, li dak iż-żmien kienet ħamra bil-faxx abjad, kienet tieqaf fil-venda ta' Kastilja, eżatt quddiem dan il-ħanut. Tgħidx x'għira kienet taqbadna

naraw l-Ingliżi ħerġin minn dan il-ħanut bil-ħobż li ma nafx għalfejn, konna nsejħulu *Tal-Franċiż*! Mhux aħjar kieku sejjaħnielu *Tal-Ingliżi*?! Imbagħad bdew jikkupjawh il-furnara Maltin u jekk tiddobba ħobża minn dawn kont tagħmel festa.

Barra l-ħobż u l-ħalib tal-bott, l-għaġin, iz-zokkor, id-dqiq u ż-żejt ukoll damu żmien twil wara l-gwerra jinbiegħu bir-razzjon. Kull familja kien ikollha l-ktieb tar-*Ration* fejn tal-merċa kien iħażżeż meta jmissek ħmistax wara.

L-ikla ta' nofsinhar tal-familja ma tantx kienet kbira speċjalment matul il-ġimgħa għajr xi borma brodu li l-ammont tal-ilma jiżdied jew jonqos skont in-numru tal-membri tal-familja u l-but tal-missier. Ftit kien hemm għażla jekk mhux xi borma minestra bl-għaġin. Iżda nhar ta' Ħadd, ma kinitx tonqos xi biċċa laħam jew xi tiġieġa l-forn. Dan mhux għax kellna forn id-dar iżda kulħadd kien joħodhom il-forn ta' Wiġi fejn illum hemm ir-Rojolin. Il-furnar kien jagħtina ċomba bin-numru li bħala kien iwaħħal mad-dixx li naghtuh. Meta kont tmur tiġbor l-ikel tiegħek imsajjar, ridt tieħu lura ċ-ċomba u sixpenz. Il-furnar iqabbel in-numru taċ-ċomba u jtik id-dixx tiegħek b'riħa tal-ikel kollu li jkun sajjar. Sal-lum għadni niftakar it-togħma tal-patata l-forn! Ommi mad-dixx tagħna kienet torbot furfiċetta mal-manku biex żgur ħadd ma jibdilulna. Kienet xena f'kull raħal li f'nofsinhar tara nisa, irġiel u tfal sejrin lejn darhom bid-dixx tal-patata, ross jew imqarrun sħun mill-forn mgħotti b'xi sarvetta nadifa biex jagħmlu l-ikla mal-familja. Darba waħda, bħas-soltu jien u oħti morna niġbru l-laħam u l-patata mill-forn. Kienet għada kif għaddiet il-festa u xi żewġ passi 'l bogħod mill-forn kien għad hemm it-toqob fl-art tal-arbli tal-bandalori. Jew kumbinazzjoni jew bi traskuraġni, oħti li kienet qed iżżomm id-dixx waqgħet f'din it-toqba u d-dixx ġie wiċċu 'l isfel fl-art! Aħna konna pronti ġbarna kollox lura fid-dixx u tlaqna lejn id-dar qisu qatt ma ġara xejn. Tistgħu taħsbu ommi, kif rat il-laħam u l-patata kollhom ramel u żrar kif xtaqet toqtolna t-tnejn! Naħseb li ommi xorta bellgħathielna l-patata biż-żrar, iżda ma niftakarx x'togħma kien fiha!

Filgħaxija, il-ġurnata, speċjalment fix-xitwa, kienet tkun qasira. Dan għax l-iskola kienet tispiċċa fl-erbgħa. Ftit wara, ma nżul ix-xemx, jinġabru l-missirijiet mix-xogħol, u kulħadd jinġabar ġewwa. Dwal fit-toroq, ftit li xejn kien hawn, u lanqas fid-djar ma kellu kulħadd l-elettriku. Jien niftakar il-lampi tal-pitrolju, bit-tubi tal-ħġieġ li konna nixtruhom skont in-numru – tal-ħdax u taċ-ċinku! Wara l-ikla u r-rużarju, kulħadd kien jinġabar madwar ir-Redifussion, biex nisimgħu xi Radjudramm, fuq *Switch B*, jew ossija fuq il-Malti. Ir-Redifussion kellu wkoll *Switch A*, li kien ixandar bl-Ingliż, mill-BBC. Aħna t-tfal is-sajf konna nħobbuh għax kienu jħalluna nilagħbu barra. Iżda żgur ma kinux iħalluna aktar tard minn tal-imwiet. Dawn kienu tokki li jdoqqu f'xi t-tmienja ta' filgħaxija biex ifakkruna nitolbu għall-mejtin tagħna. Lilna t-tfal kienu jbeżżgħuna, li dak il-ħin kienu joħorġu l-erwieħ jew il-fatati. Għalhekk, kulħadd għar-raqda!

L-ikla favorita tax-xitwa kienet tkun bigilla mal-ħobż frisk iqarmeċ. Għall-ħabta tal-ħamsa kien jiġi tal-bigilla b'karettun qisu karozza tat-trabi. Ġo fih kien ikun hemm kaldarun bigilla sħuna, ġo kaxxa taż-żingu, bi spiritiera, kollox magħluq bl-injam u mpitter b'ħafna kuluri. Mal-karettun, kien idendel fanal jixgħel bil-pitrolju jew bix-xemgħa, biex jara jqassam il-porzjonijiet u jagħti l-bqija. Dan il-bejjiegħ kien jitla' jimbotta l-karettun minn Birkirkara. Aktar tard, rama l-borma tal-bigilla fuq karettun miġbud minn ħmara. Konna noħorġu nixtru jew b'sold – li kien jimsaħilna fuq biċċa karta strazza, jew bi tliet soldi ġo skutella li tlesti l-mara tad-dar. Għal min jixtieq, kien iroxxlok ftit bżar aħmar, tursin imqatta' u kollox mgħarraq fiż-żejt! Din l-ikla llum inqisuha bnina għax il-ful u ż-żejt taż-żebbuġa, bħala parti mid-dieta Mediterranea, huma ferm tajbin għas-saħħa.

Fis-sajf, minbarra l-abbundanza ta' frott lokali, bħal ħawħ, bettiegħ, dulliegħ u frott irqiq ieħor, kien jiġi tal-ġelati. Dan kien jinbotta karretta speċjali bil-bezzun tal-ġelat fuqha. Fil-fatt kienu jiġu tnejn, jekk mhux tlieta. Min jgħajjat 'Wembley Ice Cream', min jgħajjat 'Tanti Ice Cream' u min jgħajjat 'Werwer Ice Cream'. Dan tal-aħħar ried jgħid 'Well Worth' iżda ftit kien jaf skola biex jgħidha tajjeb. Il-Well Worth kellhom fabbrika tal-ġelati ġewwa l-Imrieħel, ħdejn Farsons. Ġelat kien jiswa tliet soldi.

Meta l-kompjuter jibda jagħmel ta' rasu, flok li tgħidlu int; meta titlef il-*mobile*; meta tiqaflek il-magna tal-ħasil, jew addirittura nagħmlu xi nofstanhar bla dawl, kif tħossok bla ħila u bla kontroll? Fil-fatt donnok tħoss li trid tgħid – 'Kemm konna aħjar meta konna fqar!!'


The person shown on this Ration
Lill-persuna msemmija fuq din il-
Card is entitled to purchase from you
"Ration ... tagħha il-kwantita'
the following commodities in the
jiet ta' bżonnijiet imsemmijin hawn
quantities shown hereunder :—
taħt :—

LARD and/or MARGARINE
XAĦAM u/jew MARGARINA
Tliet kwarti
Rtal......3/4......

OIL
ŻEJT
Terzi....Tlieta......
Terzi......3......

Food Distribution Office
... N Malta.

...Brincat Giuseppa...
(Name of Grocer–Isem tal-Grocer).
Address...33, Salmeyda Street,
Indirizz
......Balzan......

...George Darmanin...
(Name of Customer–Isem tax-xerrej).
Address ...
Indirizz
Balzan